

Appell ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2011 minn Polyelectrolyte Producers Group, SNF SAS mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla, Awla Estiża) mogħti fil-21 ta' Settembru 2011 fil-Kawża T-268/10: Polyelectrolyte Producers Group, SNF SAS vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

(Kawża C-625/11 P)

(2012/C 25/83)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Polyelectrolyte Producers Group, SNF SAS (rappreżentanti: K. Van Maldegem, R. Cana, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-268/10; u
- tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (iktar 'il quddiem l-“ECHA”) li tidentifika l-akrilamidu bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ⁽¹⁾ dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi skont l-Artikolu 59 tar-Regolament 1907/2006 u l-inklużjoni sussegwenti fit-30 ta' Marzu 2010 tal-akrilamidu fil-lista ta' sustanzi kandidati, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament 1907/2006; jew
- sussidjarjament, tirrinviija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali biex tiddeċiedi dwar r-rikors għall-annullament tal-appellanti; u
- tikkundanna lill-appellati għall-ispejjeż kollha (inklużi l-ispejjeż quddiem il-Qorti Ġenerali).

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jsostnu li, bir-rifjut tar-rikors tagħhom għall-annullament tad-deċiżjoni tal-ECHA li tidentifika l-akrilamidu bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament Nru 1907/2006 skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006 u l-inklużjoni sussegwenti, fit-30 ta' Marzu 2010, tal-akrilamidu fil-lista ta' sustanzi kandidati, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet numru ta' żbalji fl-interpretazzjoni tal-fatti u tal-qafas legali kif applikabbli għas-sitwazzjoni tal-appellanti. Dan irriżulta fit-twettiq ta' numru ta' żbalji ta' liġi, b'mod partikolari:

- l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha tal-Artikolu 102(1) tar-Regoli tal-Proċedura u l-ġurisprudenza dwar il-kalkolu tat-termini; u

- il-konstatazzjoni tagħha li r-rikors tal-appellanti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-ECHA li tidentifika l-akrilamidu bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament Nru 1907/2006 skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006 u l-inklużjoni sussegwenti, fit-30 ta' Marzu 2010, tal-akrilamidu fil-lista ta' sustanzi kandidati, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006, hija inammissibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet l-appellanti jsostnu li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-268/10 għandha tiġi annullata kif ukoll id-deċiżjoni tal-ECHA li tidentifika l-akrilamidu bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament Nru 1907/2006 skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006 u l-inklużjoni sussegwenti, fit-30 ta' Marzu 2010, tal-akrilamidu fil-lista ta' sustanzi kandidati, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni.

Digriet tal-President tat-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ottubru 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

(Kawża C-551/09) ⁽¹⁾

(2012/C 25/84)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 13.03.2010.

Digriet tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Settembru 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża

(Kawża C-179/10) ⁽¹⁾

(2012/C 25/85)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 161, 19.06.2010